MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 1054/1985/1

**Alfred u Consolata konjugi Camilleri**

**vs**

**Teresa, Catherine, Mary mart Michael Zammit u Anthony ahwa Schembri, kif ukoll l-istess Michael Zammit, bhala amministratur tal-beni parafernali tal-imsemmija martu Mary Zammit u b'digriet tas-26 ta' Novembru 1985 Michael Zammit gie konfermat kuratur tal-imsiefer Anthony Schembri**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew :-

Illi huma b'kuntratt tas-26 ta' Ottubru 1979, in Atti tan-Nutar Nicola Said, kienu xtraw u akkwistaw porzjoni raba'

maqsuma mill-artijiet fil-limiti tas-Siggiewi, kontrada “Tax-Xaghra”, u hekk ukoll denominati - tikkomprendi zewg bicciet raba’ divizi u separati minn xulxin, il-wahda tal-kejl superficjali ta’ cirka seba mija disa u erbghin punt decimali tnejn u tletin metri kwadri (749.32m2) – tikkonfina mill-punent ma’ triq pubblika minn nofsinhar ma’ raba tal-eredi ta’ Giuseppe Schembri, u mit-tramuntana ma’ raba’ tal-eredi ta’ Michelina Baldacchino u l-ohra tal-istess kejl, cioe’ seba’ mija disa u erbghin punt decimali tnejn u tletin metri kwadri (749.32m2) – tikkonfina mit-tramuntana mal-imsemmi raba’ tal-eredi ta’ Michelina Baldacchino, min nofsinhar mal-imsemmi raba’ tal-eredi ta’ Giuseppe Schembri u mill-lvant ma’ raba’ ta’ Maria armla Pace, bid-drittijiet u pertinenzi taghha kollha u bhala libera u franka min cnus u min pizijiet (Dok A),  u dana kif jidher ahjar mill-anness rapport u pjanta tal-Perit Joseph L Genovese konfigurata bl-ahmar, Dokumenti B u C;

Illi l-konvenuti, kif jidher mill-annessi Dokumenti D, E, u F, qeghdin jippretendu illi ghandhom xi jedd fuq parti mill-propjeta’ tal-atturi, billi qeghdin jallegaw li ghandhom dritt ta’ propjeta’ fuq parti tal-istess propjeta’ possjeduta mill-atturi;

Illi nonostante illi l-atturi gabu a konjizzjoni tal-konvenuti d-dritt tal-propjeta’ taghhom, xorta wahda l-istess konvenuti baqghu javanzaw jeddijiet ta’ proprjeta’ fuq parti mill-proprjeta possjeduta mill-atturi;

Illi l-atturi jridu, darba ghal dejjem, jinhelsu minn din il-pretensjoni tal-konvenuti;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex, ghar–ragunijiet premessi m’ghandhiex dina l-Qorti tipprefiggilhom zmien, qasir u perentorju, sabiex javvanzaw il-pretensjoni taghom kontra l-atturi quddiem il-Qorti kompetenti u in difett ghaliex m’ghandhomx jigu impeduti li jagixxu qatt izjed ghal dik il-pretensjoni;

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-protest gudizzjarju tas-16 ta’ April 1985 kontra l-konvenuti li gew ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha bl-eccezzjoni tal-konvenut Anthony Schembri (li huwa emigrat minn Malta) fejn gie eccepit illi l-azzjoni atrici hija irritwali u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-atturi salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kollha, ad eccezzjoni tal-konvenut Anthony Schembri, debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) tas-26 ta’ Novembru 1985 li bih Michael Sammut gie konfermat bhala kuratur ghall-assenti Anthony Schembri;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-5 ta’ Mejju 1986 li bih gie nominat bhala perit legali l-Avukat Dottor Albert Manche’ bis-soliti fakultajiet;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) tad-29 ta’ Jannar 1987 li bih gie nominat bhala perit tekniku l-A.I.C. Michael Angelo Refalo biex jassisti lill-perit legali gia nominat;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) tas-26 ta’ Jannar 1989 li bih billi l-perit legali nominat gie elevat ghall-gudikatura gie sostitwit u gie nominat minnflok l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace bl-istess fakoltajiet;

Rat ir-relazzjoni tal-esperti gudizzjarji L-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace u l-A.I.C. Mchelangelo Refalo debitament konfermata bil-gurament fil-kors tas-seduta tal-15 ta’ Ottubru 2002;

Rat il-verbali tas-seduti u accessi mizmuma mill-esperti gudizzjarji;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat in-nota ta' kritika tal-konvenuti ghall-imsemmija relazzjoni;

Rat in-nota responsiva tal-atturi;

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Gunju 2003 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-atturi jippremettu li huma s-sidien ta' porzjoni raba' maqsuma fil-limiti tas-Siggiewi, fil-kuntrada "Tax-Xaghra", u hekk ukoll denominata. Din il-porzjoni tikkomprendi zewg bicciet raba' divizi u separati minn xulxin. L-atturi jkomplu jippremettu li l-konvenuti qed jippretendu li ghandhom xi dritt ta' propjeta' fuq parti tal-imsemmija porzjoni raba. L-atturi jridu li jinhelsu minn dawn il-pretensjoni tal-konvenuti. Ghalhekk huma qed jitolbu li jigi prefiss lill-konvenuti zmien, li fih l-istess konvenuti ghandhom javvanzaw il-pretensjoni taghom quddiem il-Qorti kompetenti u fin-nuqqas il-konvenuti jigu impeduti li jagixxu qatt izjed dwar l-imsemmija pretensjoni taghhom;

Il-konvenuti qed jeccepixxu li din l-azzjoni tal-atturi hi rritwali u ghalhekk ghandha tigi michuda. Fid-dikjarazzjoni guramentata l-konvenuti specifikaw li l-allegazzjoni taghhom maghmula permezz tal-ittri tal-konsulent legali ma kinitx spontanea izda provokata mill-istess atturi. Il-konvenuti ghamlu tali allegazzjoni ghall-konservazzjoni u difiza tad-drittijiet taghhom u ghalhekk l-atturi mhux intitolati ghar-rimedju eccezzjonali li qed jitolbu u lanqas ma huma hekk intitolati peress li l-elementi essenzjali ta' tali azzjoni huma neqsin in kwantu l-atturi ma kellhomx il-pussess jew il-kwazi pussess. Ghalhekk il-konvenuti essenzjalment qed jeccepixxu li l-ittri tal-konsulent legali

taghhom li jidhru li pprovokaw dawn il-proceduri ma kinux spontanei izda kienu provokati mill-agir tal-atturi. Inoltre l-atturi ma kellhomx il-pussess jew il-kwazi pussess. B'hekk elementi essenzjali tal-azzjoni tal-Jattanza huma neqsin;

Il-Qorti esaminat fil-fond u bir-reqqa ir-relazzjoni tal-esperti gudizzjarji u taqbel mal-kostatazzjonijiet kollha li ghamlu l-imsemmija esperti u mal-konkluzjonijiet li waslu ghalihom. Ghalhekk dawn qed jigu adottati u l-Qorti tghamillhom taghha;

Difatti hawn si tratta ta' azzjoni hekk komunement mgharufa bhala ta' Jattanza. Il-konvenuti qed jippretendu li ghandhom xi jedd ta' proprjeta' fuq parti mill-imsemmija porzjonijiet raba tal-atturi. In effett jirrizulta li l-konvenuti ghandhom ukoll raba (mgharuf bhala 'tal-Mus") li hu kontigwu ghall-wahda mill-imsemmija porzjonijiet raba tal-atturi;

In succint l-esperti gudizzjarji kkonkludew li din hi azzjoni possessorja a bazi tal-provedimenti tal-artikolu 403 et seq tal-Kap.12. Huma kkonkludew ukoll li l-imsemmija provedimenti ma jirrikjedu ebda spontaneita. L-esperti gudizzjarji rreferew ghal diversi sentenzi tal-Qrati nostrani li dahlu fil-kwestjoni ta' liema pussess jew kwazi pussess hu necessarju sabiex l-atturi jistghu jitolbu r-rimedju in kwestjoni. L-esperti gudizzjarji, f'dan ir-rigward, stabillew li hu bizzejjed il-pussess u l-kawzi pussess de facto u l-ebda tul ta' zmien ma hu marbut mal-pussess. Ghandu jkun hemm pussess attwali. Fil-fehema tal-esperti gudizzjarji, l-atturi jissodisfaw dan ir-rekwizit. L-esperti gudizzjarji rreferew ukoll ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet "John Borg vs Paola Borg pro et noe" deciza fl-1 ta' Lulju 1946 fejn jinghad li ghall-ezercizzju validu tal-azzjoni ta' jattanza hemm bzonn il-konkors ta' 3 rewiziti. Dawn huma: il-millantazzjoni ta' pretensjoni; il-pretensjoni li tirrizulta minn att gudizzjarju jew bil-miktub u min jezercita l-azzjoni irrid ikun fil-pussess tad-dritt li fuqu tigi maghmula l-millantazzjoni. Tenut kont

ta' dan kollu u tar-risultanzi, l-esperti gudizzjarji kkonkludew li dak li talbu l-atturi ghandhu jigi milqugh;

Fin-nota ta' kritika taghhom, il-konvenuti jissottomettu li l-esperti gudizzjarji ghamlu interpretazzjoni zbaljata tal-provi u naqsu milli japplikaw il-principji guridici rilevanti. F'dan ir-rigward il-konvenuti ssottomettew li l–principji guridici ma jirrizultawx mill-imsemmija provedimenti tal-ligi izda jirrizultaw mill-gurisprudenza;
.
M'hemmx dubju li din hi azzjoni specjali u hi essezjalment wahda possessorja. Ghalhekk hu importanti wiehed mill-elementi taghha u cioe l-pussess tal-attur tad-dritt li qed jigi millantat. Jirrizulta li l-atturi kienu bnew hajt sabiex idawru l-proprjeta taghhom u ghalhekk meta saret il-kawza jidher li huma kienu fil-pussess tal-estensjoni raba li dwaru hemm il-kontestazzjoni. L-atturi jippretendu li kellhom dritt li jibnu dan il-hajt u ghalhekk iz-zmien rilevanti hawn mhux meta nbena l-hajt izda meta saret din l-azzjoni. Barra minn hekk jidher li l-konvenuti naqsu li jipprocedu b'kawza dwar il-pretensjoni taghhom relattiva ghall-pussess tal-bicca raba kontestata;

Ghandu jinghad ukoll li f'dan ir-rigward is-sottomissjonijiet tal-konvenuti jirrelataw aktar ghall xi azzjoni petitorju u mhux ghall-azzjoni bhal din, li kif gia nghad, hi esssenzjalment possessorja. Inoltre hu zgur li dak li hemm registrat fl-Ghammieri ma jghati l-ebda titolu;

Inoltre l-konvenuti jissottomettu li l-ittri miktubin mill-konsulent legali taghhom ma kienux spontaneji, u b'hekk skond huma ma saritx millantazzjoni ta' pretensjoni. Skond il-ligi l-azzjoni tal-jattanza hi valida jekk b'atti gudizzjarji jew bil-miktub xi hadd jippretendi li ghandu xi dritt. Hu minnu, ghalhekk, li fil-ligi ma hemm xejn dwar spontanjeta. Hu minnu ukoll, pero', li skond sentenzi tal-Qrati nostrani, gie stabbilit li tali azzjoni mhux ammissibli

meta l-attur ikun ipprovoka il-pretensjonijiet tal-konvenut u b'hekk l-att tal-konvenut ma jkunx spontaneu izda provokat. Il-Qorti thoss, pero', li f'dan il-kaz ma hemmx provokazzjoni. Il-provi jindikaw li l-porzjonijiet raba in kwestjoni jappartjenu lill-atturi u li l-istess atturi kienu fil-pussess tal-istess proprjeta'. Li ghamlu l-atturi huwa li ghamlu uzu mill-proprjeta taghhom u bhala konsegwenza il-konvenuti bdew jippretendu li huma ghandhom xi dritt ta' proprjeta ghar-rigward ta' xi parti tal-porzjonijiet raba tal-atturi. Sewwa rritenew l-esperti gudizzjarji li pretensjoni bhal dik tal-konvenuti ma ssir kwazi qatt in vacuo;

Il-Qorti ghalhekk thoss li l-atturi ppruvaw l-elementi kollha rikjesti sabiex isostnu kawza ta' Jattanza u konsegwentement it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti. Fl-istess hin l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti ghandhom jigu rigettati;

Ghal dwn il-motivi kollha :-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tipprefiggi lill-konvenuti terminu sal-ahhar ta' Awissu 2005 sabiex huma javvanzaw il-pretensjoni taghhom, li huma indikati fic-citazzjoni, kontra l-atturi quddiem il-Qorti kompetenti. In difett u fin-nuqqas li jghamlu tali azzjoni l-konvenuti huma inibiti u impeduti milli jagixxu qatt izjed ghar-rigward tal-istess pretensjonijiet;

Spejjes kollha kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------